MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 167/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Alfred Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Grech ta' 66 sena, iben Giovanni u Mary nee' Buhagiar, imwieled il-Hamrun fit-23/10/1938 u joqghod fil-fond "Tulip", No. 19, Triq Herbert Ganado il-Pieta', detentur tal-karta tal-Identita numru 0772038M gie akkuzat talli fit-18 ta' Dicembru, 2003 u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond 'Tulip',

No. 19, Triq Herbert Ganado il-Pieta’ jew bhala l-persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1) ikkommetta serq ta’ kurrent tal-elittriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, u aktar
2) talli ghamel hsara jew kisser parti mil-meter tal-eletriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika Art. 533 tal-Kap. 9.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ PS 768 Silvio Brincat fejn dan ix-xhud fid-deposizzjoni tieghu tal-24 ta’ Mejju, 2005, inter alia, qal: “…………………..” “Nghid illi fuq indikazzjonijiet li beda jurini t-*technician* ta’ l-Enemalta Zammit dan indikali illi s-*chasis* tal-*meter* kien sfurzat, kellu l-*cover* elevat u kien hemm certu riha li kien mahruq. Nghid illi d-diska ukoll tal-*meter* rajthom u minghalija din kienet imcaqalqa. Nghid illi l-*cover* ta’ dan il-*meter* ma kienx qieghed f’postu sewwa u kien qieghed migbud. <u>Nghid illi jien kont staqsejt lill-imputat kemm kien ilu joqghod hemmhekk u hu qalli zmien twil u qalli li d-dar kien xtraha *shell form* u allura go dik id-dar minn dejjem kien ghex fiha hu u cioe’ illi minn dakinhar li d-dar kienet *shell form* sal-lum kien baqa’ jghid fiha dejjem hu u cioe’ l-imputat. In kwnatu ghal *cover* tal-*meter* meta wiehed ihares lejh min-naha tax-xellug dan</u>

kien elevat u dan vuoldieri kien mgholli 'l fuq." (Sottolinjar tal-Qorti)

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Zammit moghtija fis-Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005 fejn dan ix-xhud qal: "Jien *Distributing Tradesman* mal-Korporazzjoni Enemalta u nghid illi jien kont mort rigwardanti rapport fuq *burnt meter* gewwa l-fond 19, Triq Herbert Ganado, Pieta'. Jien mort fit-18 ta' Dicembru tas-sena 2003. Mieghi kelli bhala kollega Joe Meilaq. Ahna morna fil-fond li semmejt. Spezzjonajna l-arlogg u ahna sibna li l-arlogg kien illevat u dan fuq in-naha tal-lemin livell mad-diska. Inzid nghid ukoll illi l-*gasket* tad-dawra ta' l-arlogg kienet imkissra fejn kien illivat l-arlogg. Nghid illi ahna fil-post sibna lil Alfred Grech. Imbaghad ahna wara ghamilna rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Nixtieq nghid illi l-*meter* kien mahruq u nghid illi dan il-hruq tal-*meter* ma kellux x'jaqsam ma' l-affarijiet li jien ikkonstatajt fuq il-*meter*."

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: "Nixtieq nghid illi ahna morna fuq din l-ispezzjoni fuq rikjesta tas-sid stess minhabba rapport fuq *burnt meter*. Nghid illi jien irrizultali li kien hemm livar tal-parti tal-*cover* ta' l-arlogg. Nghid illi jien minn dak li rajt ikkonkludejt li kien hemm illivar. Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk maz-zona li jien semmejt li kien hemm l-illivar kienx hemm ukoll hruq nghid illi ma niftakarx. Qieghed nigi muri d-dokument Dok HJA 3 li nghid illi dan juri ritratt tal-*meter*. Nikkonferma li qed naghraf li dan huwa l-*meter* li jirrigwarda dan il-kaz u dan juri l-*winding* ta' dan il-*meter.* Nixtieq nispjega illi in kwantu ghal *winding* dan ifisser li dan huwa dak il-mekkanizmu li minnu jghaddi l-elettriku imbaghad dan idawwar id-disk. Qed nigi muri d-dokument Dok HJA 3F u nghid li dan ukoll huwa ritratt. Nghid illi dan ir-ritratt jidher illi l-*base* ta' dan il-*meter* huwa illivat. Qieghed nigi muri ritratt Dok HJA 3D u nghid illi hawnhekk jidher car l-illivar fuq il-*cover* tal-*meter*. Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk hux qed naghraf lil-imputat prezenti fl-Awla u nghid illi jien peress li ghaddew tlett (3) snin jien ma niftakarx lill-imputat. Nghid illi rigwardanti l-hruq f'dan il-*meter* kien qieghed wara l-*plate* fiz-zona fejn

ikun hemm il-*winding*. B'referenza ghar-ritratt Dok HJA 3D nghid illi dan juri l-*cover* tal-*meter* u dan jiffittja b'zewg (2) viti u dan jiffittja fuq il-*base* tieghu. Nghid illi allura l-*cover* fejn ghidt li gie illivat nghid illi dan jigi fuq il-*base* tal-*meter* u nghid illi l-*winding* huwa qieghed fin-nofs tal-*base* tal-*meter*, il-*winding* fejn hemm il-hruq. Nghid illi dak il-*meter* in kwistjoni kellu bejn wiehed u iehor xi hamsa u ghoxrin sena (25). Nghid illi s-sigilli tal-*meter* iccekkjajthom u nghid illi kienu mbaghbsin, anzi naghmel korrezzjoni u nghid illi s-sigilli kienu tajbin, ma kienux imbaghbsin." (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti Konkluzzjonijiet li wasal l-Espert Tekniku Horace J. Anastasi fir-Relazzjoni tieghu (Dok 1) li tinsab inserita fil-Proces Verbal esebit bhala Dok RB1:

"Illi Alfred Grech huwa responsabbli mill-imsemmi METER.

Illi d-dannu tal-hsarat huma minimali.

Illi ghad mhux maghruf il-Valur ta' xi serq ta' konsum ta' Kurrent Elettriku.

<u>Illi ntlievat l-Ghata tal-meter minn naha tax-xellug, sabiex setghet tiddahhal xi ghodda biex tinzamm id-Diska u ma jirregistrax il-Konsum proprja, u tant kemm kienet ilha ssir il-Meter waqaf jirregistra u sehh xi short circuit."</u>

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Ian Vella moghtija fis-Seduta tal-10 ta' Ottubru, 2005 fejn dan ix-xhud qal: "In rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta qieghed nipprezenta stima ta' tlett mija u dsatax-il Liri Maltin (LM319) rigwardanti l-perjodu ta' bejn is-26 ta' Frar tas-sena 2000 u t-18 ta' Dicembru tas-sena 2003. dan id-dokument qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok IV 1. Nghid illi ghaldaqstant l-istimi li ghamilt ghal Korporazzjoni Enemalta <u>ahna fil-ferma taghna jirrizulta illi kien hemm serq fl-ammont ta' tlett mija u dsatax-il Liri Maltin (Lm319) in kwantu ghal kurrent elettriku. Nghid illi minn dawn it-tlett mija u dsatax-il Liri</u>

<u>Maltin (Lm319) l-imputat ma hallas xejn minnhom. Nghid illi in kwantu ghall-ammont ta' hsarat dawn jammontaw fl-ammont ta' tmin liri Maltin (LM8) u dan in kwantu ghal hsarat tal-meter."</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta qal: "Nghid illi ahna wasalna ghal konkluzjoni li setgha kien hemm serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltin (Lm319) stante li bejn il-perjodu li semmejt is-26 ta' Frar 2000 sat-18 ta' Dicembru 2003 l-istima ta' kemm kienet qeghda jinhela units kuljum kien t'hames units kuljum (5). Mentri illi mir-readings li johorgu mill-perjodu tat-18 ta' Dicembru 2003 sa' l-24 ta' Settembru 2004 il-units li kienu qed jirregistraw li kienu qeghdin jinhlew kienu ta' hdax-il unit kuljum (11). Fuq domanda li qed issirli jekk kemm il-darba persuna tkunx dahlet apparat elettroniku izjed fir-residenza allura din taffetwax kemm il-units jizdiedu iktar nghid illi din in kwantu bhala kejl din ma tistax tasal ghaliha ghaliex jiddependi minn kemm wiehed juza bhala konsum ta' dawn il-units. Nghid ukoll illi jekk wiehed ikun xtara oggetti godda dan suppost meta juzahom allura fit-18 ta' Dicembru 2003 ghaliex minn dakinhar sa l-24 ta' Settembru 2004 il-units kienu telghu ghal hdax-il unit kuljum (11). Qed nigi mistoqsi 'l ghala bhala data bdejna mis-26 ta' Frar 2000 kienet illi ahna kellna parir legali mill-avukat taghna li ahna ma mmorux iktar lur minn din id-data u nibdew allura mid-data tas-26 ta' Frar 2000. Nixtieq nispjega illi l-five units (5) li semmejt huma l-average ta' kollox. Kien hemm units fejn f'gurnata l-konsum kien telgha ghal ten point nine (10.9). Nixtieq nghid illi l-imputat kien gie mitlub illi jhallas two hundred and fifty deposit (Lm250) imma dan l-ammont l-imputat ma hallsux u hawnhekk nixtieq naghmilha cara illi ghal perjodu li semmejt mis-26 ta' Frar 2000 sat-18 ta' Dicembru 2003 l-average kien ta' hames units (5) kuljum pero' kien hemm granet fejn dan kien bhala ammonti kien ovvjament ivarjaw. Nixtieq nghid illi dakinhar stess li saret l-ispezzjoni il-fitter kien informa lill-imputat kif il-fitter kellu l-obbligu li jaghmel illi jitlob lill-imputat ihallas id-depositu t'a mitejn u hamsin lira (Lm250) u dan kien in kwantu ghal dakinhar li kienet saret l-ispezzjoni."

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-deposizzjoni tal-imputat Alfred Grech li fis-Seduta tat-3 ta’ Frar, 2006 qal: “Nixtieq nghid illi fis-17 ta’ Dicembru 2003 wara t-tieta ta’ wara nofsinhar (3pm) jien kont qieghed fil-kamra ta’ l-ikel u smajt hoss ta’ spluzjoni zghira qisu bhal meta wiehed iwaddab flixkun ta’ l-ilma mal-hajt u dan ikun flixkun tal-plastik ta’ l-ilma mal-hajt. Hrigt barra mill-gallarija u hrigt nara jekk kienx hemm xi tfal jigru jew xi haga ohra. Ittawwalt barra u rajt li kollox sew u jien nixtieq nghid illi l-hoss li kont smajt hassejtu mill-intrata. Jien kont qieghed fuq. Jien ghid illi jien imbaghad mort nixghel id-dawl u l-bozza tal-kamra ma xeghlitx. Nixtieq nghid illi jien kont xghelt il-lampshade li din tiehu tlett (3) bozoz pero’ jien inzomm bozza wahda fil-holder. Meta rajt li ma xeghlitx hsibt illi l-bozza marret u ppruvajt bozza biex nixghel holder iehor. Nixtieq naghmel  precisazzjoni fis-sens illi bozoz hemm tlieta (3) f’din il-lampshade pero’ wahda issikkata u t-tnejn (2) l-ohra mahlulin b’hekk biex tkun tixghel wahda. Jien imbaghad kont issikkajt bozza ohra u din xeghlet u ghalhekk dawl kelli. Iktar tard ippruvajt nixghel it-television pero’ dan ma xeghelx u dan fl-istess kamra. Inzid nghid ukoll illi anke l-microwave ippruvajt nixghelu u ma xeghelx u anke l-video recorder ippruvajt nixghelu u ma xeghelx. Fil-fatt fil-kamra tas-sodda kien hemm id-digital clock li kien bla dawl. Jien filghaxija ghidt lill-girien x’gara u dan lil wahda t’a hdejna u lil wahda ta’ fuqi. Ta’ hdejja qaltli li kellha l-hall quarter li kien marrilha u wkoll l-video u ta’ fuqi kienet qaltli li kienet marritilha l-kitla ta’ l-elettriku. Jien imbaghad assumejt illi dak li gara kien xi haga mill-main. Jien filghaxija qabel ma hrigt biex immur nixtri l-bozoz marti qaltli li kienet ser iccempel electrician biex tara x’gara. Sakemm mort nixtri l-bozoz l-electrician gie u meta ma kontx hemm jien beda jiccekkja. Meta gejt lura l-electrician kien ghadu hemm u qalli lili hemhekk kelli surcharge. Jien ghalkemm il-cabinet kein qieghed f’meter jien bdejt nisma’ hoss li kien stramb. L-electrician kien diga’ telaq u nixtieq naghmel korrezzjoni fejn ghidt li l-electrician qalli li kien hemm surcharge, fil-fatt li qalli kien li kienhemm power surge. Nghid illi jien indunajt b’dan il-hoss stramb tal-meter meta l-electrician kien diga’ telaq. Inzid nghid illi meta l-electrician kien id-dar tieghi kien cempel mit-telefon tieghi lill-Enemalta u

kienu qalulu li kienu gejjin filghodu. L-ghada ta’ l-Enemalta gew u allura fit-18 ta’ Dicembru 2003 qabel is-sebgha ta’ filghodu (7am) kien gie l-foreman u jien naf li kien informa lid-dipartiment u lili kien qalli issa jigu huma. Huwa qalli wkoll li kienu qatghu l-main minn barra biex ikunu jistghu jahdmu. Fit-tmienja neqsin ghoxrin ta’ filghodu (7.40am) imbaghad gew l-impjegati u bdew ihollu. Wiehed mill-impjegati qalli hawn ghandna c-cjt u meta jien staqsejtu x’jigifieri u jien ghidtlu li hemm bzonn jaghmel u hu qalli li ser icempel l-ghassa u huwa cempel l-ghassa. Nghid illi imbaghad kienu gew surgent u pulizija u ta’ l-Enemalta kienu ghadhom hemm imbaghad gie persuna li dan ha r-ritratti. Il-meter li kelli d-dar kien wiehed antik u kien ilu zgur xi segha u tletin sena (37). In kwantu ghal girien li rreferejt ghalihom qabel f’din id-deposizzjoni dawn il-meters taghhom kienu godda. Nghid illi jien meta mort bil-video ghand tal-video biex isewwih dan qalli li minn gewwa l-video recorder kien tabakk u ma jissewwiex u xtrajt wiehed gdid. Il-microwave l-istess ma jissewwiex u xtrajt wiehed gdid pero’ nghid ili t-television bicca minn hemm u bicca minn hawn spicca biex tranga.

Qieghed nesebixxi bhala Dok AG 1 ricevuta ta tmienja u tletin liri Maltin (Lm38) rapprezentanti halss ta’ parts rigwardanti t-television li semmejt u li dan qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok AG 1. Qieghed nesebixxi bhala Dok AG 2 invoice flimkien ma ricevuta fl-ammont ta’ sebgha u sebghin lira (Lm77) in kwantu ghall-ircevuta filwaqt li l-invoice hija indikata bhala disgha u sebghin lira (Lm79) pero’ nikkonferma li jien hallast is-somma ta’ sebgha u sebghin lira (Lm77) u dan rigwardanti l-microwave oven. Dan id-dokument qieghed jigi esebit bhala Dok AG 2. Qieghed nesebixxi bhala Dok AG 3 cash sale rigwardanti Philips DVD player li jien xtrajt u dan fl-ammont totali ta’ hamsa u tletin lira (Lm35) u dan qed jigi esebit bhala Dok AG 3 u dan id-DVD player xtrajtu biex nissostitwixxi l-video recorder. Inzid nghid illi fi Frar tas-sena 2004 kont dahhalt lill-mama’ l-isptar u baqghet hemm sakemm mietet u baqghet l-isptar sa Mejju tas-sena 2005 meta imbaghad mietet u l-mama’ kienet qaltli li l-airconditioner li kellha d-dar taghha qaltli biex ninstallah fid-dar tieghi u jien hekk ghamilt. Jien kont installajt dan l-airconditioner

fid-dar tieghi f'Marzu tas-snea 2004. Qieghed nesebixxi bhala Dok AG 4 kont ta' l-Enemalta. Qieghed nesebixxi wkoll bhala Dok AG 5 kont iehor ta' l-Enemalta u qieghed nesebixxi wkoll kont bl-ircevuta li qieghed jigi esebit bhala Dok AG 6, qieghed nesebixxi kont iehor bhala Dok AG 7 u qieghed nesebixxi wkoll kont iehor li qieghed jigi mmarkat bhala Dok AG 8. Nixtieq nghid illi l-kontijiet kollha gew imhallsa. Jien nghid bil-gurament tieghi li jien dan il-meter qatt ma baghbastu. L-espert li gie d-dar lili kien qalli illi l-meter kien migruf fi-genb.

In kontro-ezami, l-imputat, fl-istess Seduta, qal: "Nghid illi d-dar tieghi ghandha salvavita. Nghid illi in kwantu ghal fuse box tieghi din qeghda fuq il-meter. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk hemmx xi raguni 'l ghala l-microwave over jien kont xtrajtu fid-19 ta' April 2004 meta skond jien il-hsara kienet gratli fis-17 ta' Dicembru 2003 u 'l ghala kont xtrajt id-DVD fil-15 ta' Settembru 2004 meta jien il-hsara fil-video recorder kienet gratlu l-hsara fis-17 ta' Dicembru 2003 u ghalhekk qed nigi mistoqsi jekk hemmx xi raguni 'l ghala domt daqshekk biex xtrajt dawn l-items, ir-raguni kienet illi l-ewwel li ma xtrajt kienu l-bzonnijiet u imbaghad xtrajt il-kapricci. Fil-fatt nghid illi jien qabel dawn l-items li semmejt li xtrajt kont xtrajt il-washing machine ghax kelli bzonn li nixtri washing machine biex nibdel il-wahda antika li kelli. Nghid illi l-persuni li kienu gew ta' l-Enemalta kont offrejtilhom li nurihom l-items li kienu mahruqin pero' dawn qaluli li ma kienx hemm ghalfejn jitilghu fuq biex jarawhom. Jien lill-girien ma kontx staqsejthom jekk kienux cemplu l-Enemalta jew le. Nghid illi jien id-dar kont xtrajtha lesta u l-meter li kien hemm hemmhekk kien meter li kien qieghed diga' hemm. <u>Nghid illi d-dar kont xtrajtha minghand terzi u sat-18 ta' Dicembru 2003 jien kont ilni noqghod go din id-dar ghal sebgha u tletin sena (37).</u> Jien f'dak il-perjodu konna ghixna jien, marti u kelli tifla u tifel. Uliedi kienu zzewgu imbaghad kienu telqu mid-dar ghalhekk fid-data tat-18 ta' Dicembru 2003 konna qeghdin ghixu fid-dar jien u marti. Nghid illi jien dan il-brix li kien hemm fuq il-meter m'ghamiltux jien u lanqas m rajt lil xi membru tal-familja tieghi jaghmel dan il-brix." (Sottolinjar tal-Qorti)

Taghmel ukoll referenza ghall-kontro-ezami tax-xhud Horace J. Anastasi li sar fis-Seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2006 fejn dan ix-xhud qal: “Nghid illi dana l-meter in kwistjoni rigward dan il-kaz huwa maghmul minn Aluminium. Pero’ dana m’hiniex cert pero’ hekk jidher donnu illi hu maghmul minn Aluminium. U l-pjanca li ghandu jidher li dana wiehed ikun jista’ jigi rilevat b’mod faccli. Nixtieq nghid illi fuq domanda li qeghda issirli mid-Difiza jekk il-hsara li kien hemm fuq il-meter setghetx kienet kawzata minn spluzzjoni dana jiena nichdu kategorikament u inzid nghid ukoll illi fil-fatt jirriuzltali mill-ezami li ghamilt illi dana fil-fatt kien hemm elevar illi xi haga iddahlet minn taht ix-xifer tal-ghata li qeghda fuq bara tal-meter u mbaghad sabet ix-xifer tal-bazi.

Ghaldaqstant meta allura tkun iddahlet din l-ghodda ikun saret sahha b’mod, illi jkun qieghed issir sahha fuq in-naha ta’ barra ta’ l-ghatta meghjuna bis-sahha fuq ix-xifer tal-bazi. Allura hemm mil-grif fuq in-naha tal-levar kemm tal-bazi kemm tal-ghata. U minbarra hekk mill-istess naha ta’ levar inqatghet il-gasket. Fil-fatt il-gasket kienet instabet tperper. Fuq domanda mid-Difiza jekk dak li ghadni kif ghidt issa setghax isir minghajr ma jitqacctu s-sigilli nghid li iva seta’ jsir minghajr ma jitqacctu s-sigilli. Nghid illi lever f’dan il-kaz sar mill-genb u konsegwentement is-sigilli setghu ma tmissewx. Inzid nghid illi kaz in meritu ta’ din il-kawza tant kienet iddahlet xi haga milli zzomm id-diska milli ddur fl-ahhar il-meter lanqas beda jirregistra u r-rota lanqas bdiet iddur. U wkoll inharaq il-coil, b’hekk imbaghad gara li gara. Nghid li l-ghodda jew l-oggett li ntuza biex dana seta’ jsir dan il-levar ma kienx instab.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza stante il-konkluzjoni tieghi lil dana l-abbuz kien ilu isir ghal ta’ zmien, jiena kif ikkonkludejt li kien hemm, kien hemm tali abbuz ghal tul ta’ zmien, innutajt illi l-brix ta’ mal-ghata u ta’ mal-bazi dehru li ilhom. Saru u la saru wkoll setghu baqghu isiru. Nghid ikun hemm ukoll fejn id-daqqiet kienu jidhru iktar fresh. Nghid li konsegwentement minn dak li kkonstatajt ikkonkludejt illi dana l-elevar tenut kont illi kien hemm dana l-brix u dan il-brix deher li kien hemm brix iktar frik,

kienu saru u jsiru tul ta’ zmien. Nghid pero’ dwar dan il-brix ma nistax nghidu li kienu friski, friski. Nghid fuq domanda tad-Difiza ghalkemm meta bdew dana l-elevar u kemm damu li nista’ nghid huwa illi minn dak li kkonstatajt nikkonkludi illi dana l-elevar dam isir ghal snin.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk jiena ghamiltx ezami tal-kontijiet nghid li le. Fuq domanda tad-Difiza nghid tenut kont ix-short circuit li ghidt li sehh setax dana x-short circuit oltre li jinqata d-dawl tad-dar partikolari inqatghux tad-djar ohrajn adjacenti nghid li seta’ kien hekk u seta’ wkoll gara illi kien jinqata’ wkoll id-dawl tal-Gvern. Fuq domanda li saritli mid-Difiza jekk bhala stat ta’ fatt nafx illi fil-fatt f’dana l-kaz kien inqata’ d-dawl tal-Gvern nghid illi ma nafx.

Li naf hu ghaliex dana jirrizulta mill-istqarrija ta’ l-imputat precizament mix-xhieda li kien xehed quddiemi li kien qal li dakinhar kienu gew tal-Gvern u kienu qatghu l-kurrent minn barra. Mistoqsi mid-Difiza jekk kemm il-darba stante li l-imputat kellu installat salva vita setghax xorta isir dan ix-short circuit nghid illi iva seta’ sar hekk ghaliex dana jiddependi mis-sensittivita tas-salva vita. Nixtieq nghid illi fuq id-domanda li sarli precedentement fejn irrispondejt illi bix-short circuit seta’ wkoll inqatgha d-dawl ta’ residenti adjacenti nghid illi dana jiddependi skond istallazzjoni ta’ tip ta’ salva vita kellu l-imputat.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ Monica Gatt li fi-Seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2006 qalet: “Illi jiena fis-17 ta’ Dicembru 2003 kont residenti Triq Herbert Ganado il-Pieta’ ghadni hemm sal-lum. Jiena next door neighbour tal-imputat. Nghid dakinhar naf kien mar id-dawl u mbaghad id-dawl kien gie f’salt. Ma ndunajtx li kelli xi hsara imma mbaghad indunajt, meta bdejt nuza l-oggetti bhal meta pruvajt nuza l-intercomp biex niftah il-bieb sibt illi ma jahdimx. Jiena wkoll mort nixghel l-istereo ma hadimx. Nghid illi dana l-istereo kien jahdem qabel ma kien mar id-dawl. Wara kien rega’ gie lura d-dawl l-istereo baqa’ ma jahdimx. U anke l-intercomp qabel kien jahdem u mbaghad wara sibtu ma jahdimliex wara li gie lura d-

dawl. Fil-perjodu li semmejt ta’ Dicembru 2003 il-metre tieghi kien wiehed minn dawk il-godda.”

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qalet: “Nikkonferma li dan li sehh gara fis-17 ta’ Dicembru tas-sena 2003. Nippreciza pero’ illi nkwantu ghal din id-data tas-17 ta’ Dicembru 2003 stante id-Difiza meta bdiet issaqsini d-domandi x’kien gara fis-17 ta’ Dicembru 2003 jiena kkonfermajt u xehedt fuq dak li ghidt pero’ inkwantu d-data per se jiena personalment ma nafiex. Naf pero’ dak li gara lili kien gara wkoll lil girien u allura qed niehu peress li dan kien l-incident li qed issaqsini dwaru kien allura skond id-data li ssugerit id-Difiza. Pero’ nghid li din l-esperjenza li semmejt darba kienet gratli f’hajti. Nixtieq nghid li gieli kien inqatghali d-dawl pero’ li kelli qtuh ta’ dawl u kelli din it-tip ta’ hsara li kelli kienet darba biss.”

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ Bernardette Grech li fis-Seduta tat-23 ta’ Mejju, 2007 qalet: “Nghid illi jien stante li jien nigi mart l-imputat konsapevoli li jien nista’ naghzel li ma nixhidx pero’ nghid illi jien qed nigi prodotta mid-difiza u naghzel illi nixhed. Nghid illi fis-17 ta’ Dicembru tas-sena 2003 niftakar illi kien inqata’ id-dawl fir-residenza taghna f’fond bl-isem Tulip, numru 19, Triq Herbert Ganado, Pieta u nghid illi mal-qtugh tad-dawl kien hemm hoss qawwi hafna fl-arlogg tal-meter………” “Nghid illi l-meter taghna kien wiehed qadim u kien ilu hemmhekk mindu konna morna noqghodu fih. Fil-fatt ahna konna ilna noqghodu fil-post erbghin sena (40)………”

F’dan l-istadju taghmel referenza ghas-sub-artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi: “Fil-kaz ta’ ksur ta’ kanni tas-servizz pubbliku ta’ l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta’ fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta’ sigill ta’ xi meter, jew fil-kaz ta’ l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma, gass jew kurrent elettriku, jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha

f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz."

Ikkunsidrat il-kontenut ta' tali sub-artikolu abbinat mal-fatt li mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li sar ksur tal-meter (Ara inter alia kontro-ezami tax-xhud Horace J. Anastasi – Seduta tal-4 ta' Ottubru, 2006 u deposizzjoni ta' Joseph Zammit – Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005), dan jikkrea prezunzjoni juris tantum li l-imputat Alfred Grech kien jaf li kien qieghed isir konsum illegittimu ta' kurrent elettriku. Tirrizulta ukoll li kien hemm serq ta' kurrent elettriku (Ara deposizzjoni ta' Ian Vella moghtija fis-Seduta tal-10 ta' Ottubru, 2005).

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza hi tal-fehma li l-imputat Alfred Grech ma rnexxilux jirribatti l-presunzjoni li tohrog mis-sub-artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq riportat.

Hawn si tratta ta' konsumatur registrat li ilu jghix f'din ir-residenza ghal erbghin (40) sena (Ara deposizzjoni ta' Bernardette Grech mart l-imputat moghtija fit-23 ta' Mejju, 2007). Taghmel ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' PS 768 Silvio Brincat (Seduta tal-24 ta' Mejju, 2005) fejn dan ix-xhud qal: "Nghid illi jien kont staqsejt lill-imputat kemm kien ilu joqghod hemmhekk u hu qalli zmien twil u qalli li d-dar kien xtraha shell form u allura go dik id-dar minn dejjem kien ghex fiha hu u cioe' illi minn dakinhar li d-dar kienet shell form sallum kien baqa' jghix fiha dejjem hu u cioe' l-imputat."

Taghmel ukoll referenza ghal bran mill-kontro-ezami ta' Horace J. Anastasi (Seduta tal-4 ta' Ottubru, 2006) fejn dan ix-xhud qal: "Nghid ikun hemm ukoll fejn id-daqqiet kienu jidhru iktar fresh. Nghid li konsegwentement minn dak li kkonstatajt ikkonkludejt illi dan l-elevar tenut kont illi kien hemm dana l-brix u dan il-brix deher li kien hemm brix iktar frisk, kienu saru u baqa' jsiru tul ta' zmien. Nghid pero' dwar dan il-brix ma nistax nghidu li kienu friski, friski. Nghid fuq domanda tad-Difiza ghalkemm meta bdew dana l-elevar u kemm damu li nista' nghid huwa illi minn dak li

kkonstatajt nikkonkludi illi dana l-elevar dam isir ghal snin.”

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Alfred Grech.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Alfred Grech, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-imsemmi imputat, tillibera lill-imsemmi imputat Alfred Grech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Alfred Grech ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ tmienja u sittin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm68.49) rappresentanti l-ispejjez inkorsi rigward in-nomina tal-Espert Horace J. Anastasi fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Alfred Grech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------